*- SPOLL -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April 2001.**

**Kawza Numru. 28**
**Citaz. Numru. 1900/97/RCP.**

**Giuseppi Spiteri**

**vs**

**Anthony Theuma, David Theuma u Michael Theuma**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-attur ghandu f'idejh b'titolu ta' qbiela minghand l-Ufficcju Kongunt parti mill-ghalqa maghrufa bhala tac-Cirimella limiti ta Hal-Kirkop.

Illi ghal din l-ghalqa huwa jghaddi u ilu hekk jghaddi tul dawn l-ahhar erbghin sena minn fuq passagg fl-ghalqa li qeghda f'idejn l-konvenuti.

Illi minn fuq din l-ghalqa huwa esercita d-dritt ta passagg bir-rigel, bil-bhima u bit-truck u ma ghandux triq ohra minn fejn huwa jista' jghaddi.

Illi l-konvenuti recentement klandestinament, vjolentement u illegalment qabdu u ghalqu l-passagg billi ghamlu xatba fit-12 ta' Awissu 1997 li jzommu lill-esponenti milli jkun jistgha jghaddi. Barra minn dan l-istess passagg fl-20 ta' Awissu 1997 l-imsemmija konvenuti hartu ukoll l-passagg imsemmi.

Illi dan jikkonstitwixxi spoll privileggjat.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex:

1. Previa dikjarazzjoni li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-attur tal-passagg li huwa

ghandu minn fuq l-ghalqa li qed jzommu f'idejhom imsemmija tac-Cirimella fil-limiti ta' Hal-Kirkop tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa hija li l-imsemmija jirripristinaw lill-attur fl-uzu tal-passagg imsemmi li huwa ghandu bil-rigel, bil-bhima u bil-truck.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 8 tal-process fejn gie ecceppit:

1. Illi in linea preliminari l-integrita, tal-gudizzju u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u markata bhala Dok A.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni mhux minnu illi l-attur qatt xi darba gawda xi dritt ta' passagg minn fuq l-art proprjeta tal-atturi u wisq anqas illi ilu jgawdi tali dritt ghal dawn l-ahhar erbghin (40) sena u dan kif jirrizulta car mill-kopja tar-ritratt li qeghda hawn tigi annessa u markata bhala Dok B u mill-kopja tal-kuntratt ta' akkwist immarkat bhala Dok A.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-dritt ta' passagg ghall-ghalqa proprjeta tal-attur kien minn fuq art proprjeta ta' certa Callus bl-access minn fuq sqaq l-Imdina.

4. Illi oltre dan id-dritt ta' passagg l-attur dejjem dahal minn passagg iehor, li wkoll jghati ghal fuq sqaq l-Imdina, u li huwa minn fuq raba tieghu stess, liema passagg qieghed jigi markat bil-linka blue permezz ta' vlegeg fuq il-fotokopja tar-ritratt Dok A liema fotokopja qeghda tigi markata bhala Dok C.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jidher car mir-ritratt esebit u markat bhala Dok B illi l-ghalqa li minnha tifforma parti l-ghalqa tal-attur, ma ghandha xejn x'taqsam mal-proprjeta tal-konvenuti li jiddetjenu l-istess ghall-skopijiet kummercjali u liema area qeghda tigi markata bl-isfar fuq id-Dok C hawn anness.

6. Illi mhux minnu illi l-attur qatt xi darba ezercita xi dritt ta' passagg bir-rigel, bil-bhima jew bit-truck jew li l-konvenuti hartu l-istess passagg u dan kif jirrizulta mill-kopja tar-ritratt esebit u markat bhala Dok B li juri bic-car illi sitt (6) snin ilu,

meta l-konvenuti kienu ilhom biss cirka sentejn (2) li xtraw il-kaxxa adjacenti l-ghalqa proprjeta tal-attur, kull ma tidher hija mghodija li l-bidwi precedenti kien juza halli ma jaffic wicc ir-raba u liema moghdija kienet iddur d-dawra tal-ghalqa.

Inoltre ma hija evidenti l-ebda fetha fil-hajt tas-sejjieh konfinanti z-zewg proprjetajiet li turi illi minn xi parti kien jghaddi xi truck jew bihma kif allegat.

7. Illi x-xatba ndikata mill-attur la saret b'mod klandestin u wisq inqas b'mod vjolenti izda saret fuq ordnijiet tal-Engineer li jikkontrolla l-hrug tal-permess tal-barriera u dan minhabba xi dizgrazzja li tista' tissucedi peress li din il-barriera qeghda mat-triq principali.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 8 tal-process.

Rat l-affidavits esebiti mill-konvenuti tas-16 ta' Ottubru 1998 a fol 20 sa 25 tal-process.

Rat il-verbal tal-24 ta' Novembru 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia

biex jisma' l-kontro-ezamijiet li ghandhom isiru u x-xhieda li ma tistax issir bil-procedura tal-affidavits. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-partijiet ghat-8 ta' Frar 1999.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-21 ta' Dicembru 1998 fejn permezz taghha esebew pjanta (fol 29).

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju.

Rat l-affidavits kollha prezentati, inkluz dak ta' Cloddy Camilleri a fol. 31 tal-process, ta' Leonard Spiteri (fol.36), ta' Michael Theuma (fol.42), u ta' David Theuma (fol.43).

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Frar 1999, tad-9 ta' Gunju 1999 fejn gie nominat il-Perit Frederick Doublet biex izomm access fuq il-post fil-presenza tal-Qorti, u jipprezenta r-rapport tieghu sas-seduta tat-2 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbal tal-access mizmum fit-22 ta' Lulju 1999 a fol 61 tal-process.

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru 1999 fejn il-kawza giet differita biex jigi mahluf ir-rapport peritali tal-Perit

Doublet u biex l-Assistent Giudizzjarju jikkonkludi l-gbir tal-provi ghas-27 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-27 ta' Jannar 2000 fejn il-Perit Frederick Doublet halef ir-rapport. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Marzu 2000 ghall-ezami tar-rapport u biex l-Assistent Giudizzjarju jesplita l-inkarigu tieghu.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Frederick Doublet a fol 68 sa 98 tal-process.

Rat il-verbali tat-30 ta' Marzu 2000, tal-14 ta' April 2000, tal-25 ta' Mejju 2000, tas-27 ta' Gunju 2000, tal-10 ta' Lulju 2000, tad-19 ta' Ottubru 2000 u tal-31 ta' Jannar 2001 fejn xehed Giuseppe Spiteri. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2001 u wara giet differita ghas-26 ta' April 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skond l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*
(ii) *Spoliatum fuisse*
(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); "**Caterina armla Galea vs Joseph Vella**" (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u aktar recentement f' "**Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef**" (30-4-1991 JSP).

Illi din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (13 ta' Jannar 1999 Cit. Nru. 2426/97/RCP) u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et noe**" (29 ta' April 1999 Cit. Nru. 1704/98/RCP) "**Fino & Sons Limited vs Marketing and Consultancy Limited"** (1 ta' Lulju

1999 Cit. Nru 1596/98/RCP), **"Carmelo Mifsud vs Guseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000), u **"Mark Napier vs Andre Bianchi"** (P.A. R.C.P 26 ta' April 2001) diga kellha opportunita` tiddeciedi fuq spoll u ezaminat fid-dettal ir-rekwiziti ta' din l-azzjoni.

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……..stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* **("Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12,** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li :-

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* **("Kaptan Stefano Xeureb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna" -** (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg" -** (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri -** (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche'* ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova' tal-legittimita' tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-posssessuri ta' mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. **("Saverio Farrugia vs Eugenio Borg.** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi irid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-

*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta' l-utilita' socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' disposizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min*

*b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setghax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti"*

## III. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ ODJERN.

Illi l-atturi qed jallegaw li huma kellhom passagg li kienu juzaw kemm bir-rigel, bil-bhima u bit-truck sabiex jaslu ghall-ghalqa imqabbla lilhom maghrufa tac-Cirimella limiti ta' Hal Kirkop, u sostnew illi l-konvenuti fit-12 ta' Awissu 1997 ghamlu xatba u ghalqu l-istess passagg u fl-20 ta' Awissu 1997 l-konvenuti hartu wkoll l-istess passagg u ghalhekk ghamlu din l-azzjoni ta' spoll.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom sostnew li l-atturi qatt ma kienu juzaw dan il-passagg, li l-istess atturi kellhom dejjem minn fejn jghaddu ghall-ghalqa taghhom, u li fl-ahharnett l-istess passagg inghalaq skond l-istruzzjonijiet tal-Inginier taghhom minhabba il-perikolu li jezisti stante li tali passagg li jaghti ghall-barriera taghhom jaghti direttament ghat-triq u ghalhekk huwa fih innifsu ta' perikolu.

Illi mill-provi prodotti attrici hemm ix-xhieda ta' **Clodiveus sive Cloddy Camilleri** permezz tal-affidavit tieghu tal-25 ta' Jannar 1999 (fol.31) li sostna li huwa gharus ta' bint l-attur, u li jaf li l-istess attur kien juza l-passagg li jaghti ghall-Valletta Road, ghall-ghalqa tal-attur, kemm bil-pass, kemm bil-karozza ghal dawn l-ahhar tnax (12)-il sena, sakemm fis-sajf tal-1998 saret xatba (indikata mill-perit tekniku fir-ritratti minnu mehuda u li rat l-istess Qorti waqt l-access) u ghalhekk l-istess access gie maghluq. Apparti l-attur kien jghaddi ukoll Leonard Spiteri, hu l-attur, u wkoll kien jghaddi l-bowser bl-ilma sabiex jimla l-vaska li hemm hdejn l-ghalqa tieghu.

Illi l-istess **Leonard Spiteri** fl-affidavit tieghu a fol. 36 tal-process isostni li huwa dejjem jiftakar l-istess moghdija ghal cirka 40 sena, liema moghdija tibda minn Valletta Road, tghaddi minn fuq l-ghalqa ta' Katrine Cassar, taghddi min fuq l-ghalqa li kellu huwa bi qbiela u twassal ghall-ghalqa tal-attur, u mill-istess moghddija kien jghaddi kemm huwa u kemm l-attur bir-rigel,  bil-karozza u anke bil-bowser tal-ilma wkoll, kif ukoll il-*meter reader*. Illi fl-1 ta' Awissu 1994 huwa ceda l-qbiela tieghu lill-konvenuti. Sostna wkoll li *"l-ahwa Theuma kellhom kuntratt ma' Katrine Cassar qabel ma ghamilna l-ftehim li semmejt li jafu li kien hemm il-moghdija fejn illum hemm ix-xatba. Fil-fatt*

*kemm jien u kemm Giuseppi Spiteri konna nghaddu u bqajna nghaddu minn fuq din il-moghdija li tghaddi ghal fuq l-ghalqa ta' Katrine Cassar wara li kienu xtrawha l-ahwa Theuma mill-Curia Arcivescovili".*

Illi l-istess xhud sostna li minkejja dan xorta l-istess attur baqa' juza l-istess moghdija anke ghall-bowsers, u biex jidhol ghall-ghalqa tieghu, ghalkemm l-ghalqa ta' Katerine Cassar giet akkwistata mill-konvenuti li ghamlu barriera, u sostna li huwa ceda l-ghalqa u mhux il-moghdija lill-konvenuti. Illi l-istess passagg kien jintuza minn huh sakemm fis-sajf tan-1997 ra' lill-ahwa Theuma jaghmlu hajt tal-gebel u imbaghad ix-xatba.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti resqu lil **David Theuma** li b'affidavit tieghu a fol. 30 tal-process esebit fis-16 ta' Ottubru 1998  sostna li fid-29 ta' Jannar 1990 huma xtraw ghalqa sabiex jaghmlu barriera u fiha ma innutaw li kien hemm ebda passagg, u lanqas li kien hemm fetha fil-hajt li tindika li kien hemm passagg, u l-attur jaf li kien jghaddi minn passagg li jaghti ghal Triq l-Imdina, apparti li dan ghandu access ukoll minn art ohra vicin li huwa ko-proprjetarju taghha.

Illi **Michael Theuma** permezz ta' affidavit presentat fil-11 ta' Mejju 1999 a fol 42 tal-process sostna li huma xtraw kemm l-ghalqa li kienet tinhadem minn Katrine Cassar u wkoll dik li kienet tinhadem min Leonard Spiteri, u kien jaf li Leonard Spiteri kien jghaddi minn fuq l-ghalqa ta' Katrine, u ghalhekk kien li xtraw iz-zewg ghelieqi, sabiex joqtlu l-istess passagg. Min-naha l-ohra l-istess attur qatt ma ghadda minn fuq dawn iz-zewg ghelieqi, tant li l-istess barriera saret fejn kien hemm l-ghalqa tal-istess Katrine Cassar u hadd qatt ma oggezzjona. Illi tali akkwisti taz-zewg ghelieqi rispettivi saru fid-29 ta' Jannar 1990 u fl-4 ta' Awwissu 1994 skond kuntratti esebiti a fol. 49 u 52 rispettivament.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur qed jallega li huwa kien jidhol mill-passagg illum maghluq bix-xatba mertu tal-kawza odjerna li jaghti ghall-Valletta Road, Kirkop, liema grada ghandha wiesgha ta' cirka sittax (16)-il pied u (4) erba' pulzieri kif konstatat mill-perit tekniku Frederick Doublett imqabbad mill-Qorti, li jaghti ghall-passagg tal-istess wisgha, li minm hemm jikser ghall-lemin u jaghti ghall-passagg ta' cirka 10 piedi wisgha, li jghaddi ghall-fuq l-ghalqa tal-konvenuti, li qabel kienu ghelieqi mahduma minn Katrine Cassar u Leonard Spiteri, liema ghelieqi gew akkwistati mill-konvenuti permezz ta' kuntratt u

skritturi datati 29 ta' Jannar 1990 u l-1 ta' Awissu 1994 rispettivament, u jwasslu ghall-fuq l-ghalqa tal-istess attur, kollox kif muri mill-pjanta redatta mill-istess perit tekniku immarkata bhala Dok. F. D. 1 a fol. 82 tal-process.

Illi ghalkemm il-konvenuti jichdu l-ezistenza ta' tali passagg, u l-uzu tieghu da parte tal-attur, jirrizulta li hemm fetha ta' 10' 9" fil-hajt tas-sejjiegh divizzorju bejn il-kontendenti, li turi t-tankijiet fil-bokka, kif ukoll ix-xatba ta' wisgha ta' cirka 4'9" bejn il-hajt tal-giebja (fuq il-lemin) u l-hajt tas-sejjiegh divizorju, kollha indikati fir-ritratt numru 11 mar-relazzjoni peritali a fol.81 tal-process, li jifred l-ghalqa tal-attur minn dik illum tal-konvenuti, kollox kif muri fl-istess pjanta Dok. F.D. 1 a fol. 82 tal-process, u li gie kkonstatat mill-Qorti waqt l-istess access.

Illi l-Qorti tinnota li l-konvenuti ma taw l-ebda spjegazzjoni ghaliex baqghet tezisti din il-fetha bejn il-proprjeta' taghhom u dik tal-attur, u ghaliex l-istess illum tinsab imbarrata bit-tankijiet; sostnew biss li tali ticrita fil-hajt qatt ma rawha u saret mill-istess attur bil-mohbi taghhom.

Illi dan li sostnew il-konvenuti ma jaqbel xejn ma dak li xehed Leonard Spiteri, li kien ceda l-qbiela tal-ghalqa

tieghu lill-istess konvenuti, stante li dan sostna li l-passagg tal-attur minn fuq l-ghalqa tieghu kien dejjem jezisti, kif kien jezisti dak tieghu u tal-istess attur minn fuq l-ghalqa tal-konvenuti li qabel kienet ta' Katerine Cassar, u wkoll ikkonferma li meta huwa ceda l-ghalqa tieghu lill-konvenuti, huwa kien fakkar lill-istess konvenuti li l-istess attur kellu access minn fuq l-istess ghalqa minnu ceduta ghal fuq l-ghalqa tieghu.

Illi bl-ezistenza tal-passagg l-istess konvenuti kienu ilhom jafu peress li huma kemm-il darba sostnew li jafu li l-istess Leonard Spiteri kien juza l-passagg minn fuq l-ghalqa ta' Katerine Cassar, pero' ikkontestaw li l-istess passagg kien iservi wkoll ghall-attur, u dan minkejja li prattikament l-istess passagg kien iservi ghall-istess skop lill-attur, li ghandu l-ghalqa tieghu iktar il-gewwa minn dik tal-istess Leonard Spiteri, u wkoll hemm fetha bejn l-istess ghalqa li qabel kienet ta' dan Leonard Spiteri u illum tal-konvenuti, u l-ghalqa tal-istess attur.

Illi jinghad ukoll li ghalkemm il-konvenuti kienu kategorici li l-attur qatt ma uza l-istess passagg, u sostnew li huma jafu l-inhawi sew, kif *di piu'* l-Qorti hija konvinta li huwa hekk, hija stramba li fl-istess nifs isostnu li ma jafux kif u meta saret il-fetha bejn dik li illum hija ghalqa mahduma minnhom ceduta lilhom

minn Leonard Spiteri, u dik tal-attur, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti din hija fattali ghat-tezi tal-istess konvenut, dwar l-indagini odjerna li tikkoncerna biss azzjoni ta' spoll u kwistjoni ta' pussess, li hija fiha innfisha oggett ta' prova fattwali u mhux ezami tad-drittijiet spettanti lill-kontendenti.

Illi dan ghaliex huwa ormai stabbilit li din il-Qorti, fl-azzjoni premessa trid u ghanda tillimita ruhha *ai termini* tal-**Artikoli 534 tal-Kap 16 u Artikolu 791 tal-Kap 12** biss "*il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll"* u xejn izjed hlief ovvjament it-terminu perentorju stipulat fl-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12.**

Illi konsistentement mal-premess inghad fis-sentenzi **"Mark Napier vs Andre Bianchi"** (P.A. RCP. 26 ta' April 2001 u "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (FGC - 12 ta' Gunju 1998) li ghalhekk:-

*"Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix* lok ghall-ebda *indagini ohra barra minn dak li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab fl-ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk bir-rispett kollu ghad-decizjonijiet li ppermettew indagnijiet ibbazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-*

*kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" ("**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone**" - A.C. 9.03.1992); ("**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" **-** 23 .10. 1998).

Illi tali disposizzjoni tal-ligi hekk citata ma ghandha tigi bl-ebda mod injorata u ghalhekk l-ezami li trid taghmel din il-Qorti ma ghandux ikun wiehed dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet dwar id-drittijiet minnhom vantati izda sempliciment dwar l-istat ta' fatt ezistenti u li ta' lok ghall-pendenza odjerna, stante li l-affermazzjoni tad-drittijiet ma huwiex l-iskop tal-kawza ta' spoll, tant li gie ritenut li tali pussess jista' jkun ukoll vantat kontra l-proprjetarju tal-oggett jew haga mertu tal-istess kawza.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest ir-riferenza da parte tal-konvenuti u anke tal-attur ghal diversi kuntratti hija fil-kawza odjerna barra minn lokha, ghaliex l-elementi li jridu jigu ppruvati f'din il-kawza huma biss jekk l-attur kellux pussess jew anke detenzjoni tal-passagg in kwistjoni, jekk sarx att spoljattiv da parte tal-istess konvenuti, u jekk tali azzjoni saritx fit-terminu impost mill-ligi.

Illi ghalhekk kull konsiderazzjoni ohra, aktar u aktar jekk ibbazzata fuq kawzali ta' natura petitorja jew

drittijiet , ghandha tkun riservata ghal proceduri ohra fuq mertu u mhux f'kawza ta' spoll privilegjat, ghaliex proprju ghalhekk li din il-kawza hija hekk privilegjata, sabiex tassigura li tinzamm l-ordni bejn ic-cittadini kollha u bejniethom u hadd ma jiehu l-ligi b'idejh, b'dan li kull min ghandu vantazzjoni li d-drittijiet tieghu qed jigu lezi, ghandu jirrikorri lejn il-Qorti u ghalhekk din in-natura ta' kawza hija wkoll ta' ordni pubbliku u rispett lejn iz-zamma tal-fatti kif jezistu, li jinbidlu biss b'mod legali u tramite l-intervent gudizzjarju. Kull soluzzjoni ohra twassal ghall-ligi tal-gungla u ghall-denagazzjoni tal-principji tar-*"rule of law".*

Illi ghalhekk a bazi tal-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-attur, kif fil-fatt ikkoroborati mix-xhieda ta' Clodiveus sive Cloddy Camilleri u ta' Leonard Spiteri, u mill-konstatazzjonijiet li saru mill-Qorti u mill-Perit Tekniku fuq il-lok stess, iwasslu lil din il-Qorti ghall konvinciment necessarju sabiex jigu milqugha t-talbiet attrici stante li jirrizulta li l-istess attur kien jaghmel uzu mill-passagg *de quo* li jaghti minn fetha li kienet tezisti minn Valletta Road, Kirkop, u indikata fil-pjanta tal-perit Frederick Doublett bhala Dok. F.D. 1 annessa mar-relazzjoni tieghu, liema passagg jghaddi ukoll fid-dimensjonijiet indikati fl-istess pjanta minn fuq l-art tal-konvenuti, li qabel kienet tinhadem minn Katrine Cassar u Leonard

Spiteri, li jwasslu ghall-ghalqa tal-attur indikata fl-istess pjanta, u dan il-passagg kien jintuza mill-attur kemm bir-rigel u kemm bil-karozza, sakemm sar l-att spoljattiv indikat fic-citazzjoni attrici kemm dwar ix-xatba tat-12 ta' Awissu 1997, u kemm tat-tahrit tal-istess passagg fil-20 ta' Awissu 1997.

Illi fl-ahharnett inghad mill-istess konvenuti li tali xatba minnhom maghmula saret sabiex jigi evitat kull perikolu minhabba li l-istess passagg, anke ghall-barriera taghhom, imiss direttament ma' Valletta Road, Kirkop. Illi pero' dan ma ghandux lanqas iwassal sabiex jigu michuda t-talbiet attrici, stante li din ix-xatba setghet saret kemm bil-kunsens ukoll tal-attur, pero' anke kieku mhux hekk, l-attur setgha inghata cavetta sabiex ikun jista' jiftah hu wkoll l-istess xatba. Fil-fatt l-attur talabhom cavetta ghall-istess, izda l-konvenuti ma ghaddew l-ebda cavetta jew mod iehor ta' access mill-istess passagg lill-attur u ghalhekk saret din il-kawza.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-attur tal-passagg li huwa ghandu minn fuq l-ghalqa li qed jzommu f'idejhom imsemmija tac-Cirimella fil-limiti ta' Hal-Kirkop, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jirripristinaw lill-attur fl-uzu tal-passagg imsemmi li huwa ghandu bil-rigel, bil-bhima u bit-truck, u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Frederick Doublet li qed jigi innominat ghal tali skop, u dan billi titnehha l-istess xatba u wkoll jigi ristabbilit l-istess passagg fil-ghalqa tal-konvenuti fejn gie mahrut mill-istess konvenuti, u fin-nuqqas li l-istess konvenuti jaghmlu tali xogholijiet fit-terminu fuq prefiss, tawtorizza lill-attur, li dejjem taht id-direzzjoni tal-istess perit arkitett Frederick Doublet, jaghmel l-istess xogholijiet huwa, a spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Perit Tekniku a karigu tal-istess l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' April, 2001**